KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 77

Is-sebgha u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.04 b'din l-Agenda:*

*77.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*77.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*77.5 Rapporti ;*
*77.6 Bandli ġodda Gnien Margaret Mortimer ;*
*77.7 Approvazzjoni tal-Performance Bonus ;*
*77.8 Xogħlijiet Triq Guze Howard*
*77.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitat*
*77.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*77.11 Mozzjonijiet ;*
*77.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 77.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

77.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier P. Radmilli biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil għal din l-apoloġija.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace daħlet għas-seduta fis-18.06*

## 77.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

77.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 76 tas-seduta tat-18 ta' Diċembru, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

77.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsillier P. Radmilli talab għal korrezzjonijiet f'punt 76.36 permezz ta' *email* u trid tinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-laqgħa li kellu hu flimkien mas-Sindku, il-Kunsilliera J. Pillow u M. Birguglio maċ-Ċermen tal-Awtorita tal-Ippjanar, is-Sur Buttigieg. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għandu jsir studju ta' kemm bini ser ikun hemm skond il-permessi li qegħdin jingħataw mill-PA u a bazi ta' dan, isir construction plan sabiex il-Kunsill jista jipproponi lill-Awtoritajiet kif jistgħu jipprevenu u jipjanaw ahjar għal din is-sitwazzjoni.*

*Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-laqgħa issemma wkoll li għandu jsir follow up meeting, fejn din id-darba, jkun hemm rapprezentanza mill-uffiċċju tat-Transport Malta ukoll. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa*

*jekk il-Kunsill jistghax jagħmel dan l-istudju bil-perit tagħna, l-Perit Robert Grech. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb fil-pozittiv peress illi l-kuntratt kien maħsub għal tali eventwalitajiet.*

*Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-perit biex naraw l-istima u jiġi inkluz fil-budget. Ic-Ċerman tal-PA offra li tali studju jiġi mħallas mill-Awtorita.*

Il-Kunsill qabel.

77.2.3 Is-Sindku rrefera għall-punt 76.3.8 u talab li tizdied il-frazi. 'Is-Sindku qal li fl-*Outline Plan* hemm kundizzjoni li jkun hemm arranġament bejn il-Kunsill, PA u sidien fuq manteniment u accessibilita tal-isqaq.'

77.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet mitluba. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 76_18/12/2017*

**77.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

77.3.1 Is-Sindku fakkar li l-laqgħa annwali għar-residenti se ssir fis-26 ta' Jannar, 2018 fis-6.00pm fil-Knisja Anglikana fi Triq Rudolfu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li prepara prezentazzjoni għal din il-laqgħa. Saret deċizjoni li l-prezentazzjoni issir bil-Malti peress li l-*power point* tkun bl-Ingliz, biex nolqtu lil kull min ikun hemm fis-sala. *Laqgħa Annwali*

77.3.2 Is-Sindku fakkar fil-kumitat għat-Tizjin tal-Milied għas-sena d-dieħla li ġie ffurmat fl-aħħar seduta, hemm bzonn jiltaqa. Is-Sindku saqsa jekk hemmx ħaddieħor li jixtieq jingħaqad ma da nil-kumitat. *Kumitat Tizjin tal-Milied 2018*

77.3.3 Is-Sindku informa li s-servizz ta' *enforcement* fuq l-iskart mill-uffiċċjali tas-CSD u Pulizija beda. Is-Sindku fakkar li min jaf b'xi lok partikolari fejn qegħdin joħorġu l-iskart f'ħinijiet illegali, għandu jinfurmaw lill-Kunsill kemm jista jkun anke l-ħinijiet ezatt ta' tali illegalitajiet. *Uffiċċjali CSD*

77.3.4 Is-Sindku informa dwar ir-*reserved parking* f'Tas-Sliema għaliex *Reserved parking*

hemm numru minnhom li huma illegali. Is-Sindku għandu jerġa jagħmel kuntatt mat-TM biex jara l-proċess f'hiex wasal sabiex dawn jitnehhew.

77.3.5 Is-Sindku irrefera għal punt 76.8.1 dwar pubblikazzjonijiet ta' attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku kien irrimarka li l-Kunsill għandu jwaħħal plakka bl-ismijiet ta' nies li ħadu l-premju tal-attivita Wirt u Niesha. Is-Sindku fakkar biex il-Kunsill jara fejn din tista titpoġġa. Is-Sindku saqsa wkoll biex il-Kunsill jara hux se jkun qiegħed jirċievi fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal *Sliema Arts Festival*, dan biex il-Kunsill ikun jaf il-pozizzjoni tiegħu. Il-Kunsillier P. Portelli spjega kif mingħajr fondi tal-Gvern se jkun diffiċċli biex isir *festival* bħal dan. Zied jgħid li din tieħu ħafna xhur ta' preparamenti u diġa qegħdin tard biex jiġi mħejji programm u li mingħajr *budgeting* fil-hin ma jistax isir. Kien hemm qbil li s-Segretarju Ezekuttiv jagħmel *follow up* mad-Dipartiment tal-applikazzjoni ta' fondi tal-iskema attivitajiet kulturali. *Attivitajiet tal-Kunsill*

77.3.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk hux se jsiru attivitajiet organizzati minn V18 f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill għandu programm li ġie ppubblikat minn V18 izda ma jafx jekk Tas-Sliema hux inkluza, wieħed jista jiċċekkja l-porgramm.

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat mis-seduta fis-18.28*

77.3.7 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa jekk tistghax l-attivita tal-SAF issir fuq skala izgħar f'kaz li l-Kunsill ma jirċiviex il-fondi. Il-Kunsillier P. Portelli qal li wieħed irid jara tkunx possibbli. *SAF*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal lura fis-18.29*

77.3.8 Is-Sindku saqsa li kieku l-Kunsill kellu jagħmel *cut off date* li jekk ma jirċiviex risposta dwar il-fondi il-Kunsill jiddeċiedi għandux isir jew le l-SAF. Il-Kunsillier P. Portelli qal li filkaz nitlobu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari ħalli nsaqqsuh b'mod dirett. Kien hemm qbil dwar dan u kien hemm qbil ukoll li jekk ma nirċievux risposta dwar il-fondi sad-9 ta' Frar, 2018 il-Kunsill jieħu deċizjoni jekk l-attivita hux se ssir jew le.

77.3.9 Is-Sindku irrefera għal punt 76.7 fejn il-Kunsill kien qabel li la darba l-Kunsill ma rċeviex risposta mit-Times of Malta dwar il-fuljett 'Sliema Times', il-Kunsill jagħmel il-fuljett tiegħu stess u dan *Tas-Sliema Times*

sakemm ikun hemm parteċipazzjoni mill-Kunsilliera.

Sadanittant, izda, l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mit-Times of Malta permezz ta' email biex f'din il-gazzetta taghhom ikun hemm artikolu jew pagna tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ttra lill-Kunsilliera prezenti.

Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li hi ma taqbilx u temmen li l-fuljett għandu jiġi ppubblikat mill-Kunsill biss. Ziedet tgħid li s-sitwazzjoni taf tkun 'biased' speċjalment meta joqrob zmien l-elezzjoni. Il-Kunsillier P. Portelli spjega li xorta waħda kull kunsillier għandu ċ-ċans jikteb fil-gazetta 'Sliema Times' għaliex dan joħroġ kull xahar u kull xahar ikun hemm kitba minn Kunsillier/a. Il-Kunsillier P. Portelli qal li waħda mid-diffikultajiet li kien ikollu meta kien jieħu ħsieb il-fuljett tal-Kunsill kienet li l-biċċa l-kbira mill-Kunsilliera ma kienux izommu mad-*deadline* biex jiktbu l-artikolu tagħhom jew sahansitra qas biss jiktbu. Hekk b'dan il-mezz min irrid jipparteċipa jkollhom ċans ta' artikolu fis-sena.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-18.42*

77.3.10 Il-Kunsillier P. Portelli qal li jaħseb li l-Kunsill se jkun qiegħed jitlef opportunita li kieku ma jipparteċipax għaliex il-Kunsill ikollu paġna tax-xogħlijiet tal-Kunsill u paġna oħra li tkun miktuba minn Kunsillier/a. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet għalfejn intgħazlet Tas-Sliema. Il-Kunsilliera P. Portelli u M. Birguglio qali għaliex jaħsbu li Times of Malta hi l-aktar popolari f'Tas-Sliema.

77.3.11 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li kien qal li fil-kaz li l-pubblikkazzjoni ssir mat-Times ikun hemm kumitat mil-Kunsillier fejn ikunu jistgħu janallizzaw l-artikolu u jinzammu numru ta' kriterji u li ħadd ma jagħmel propoganda għalih inniffsu. Il-Kunsillier P. Portelli qal li f'dan il-kaz l-kumitat ikun magħmul minn zewġ membri ta' partit u zewġ membri ta' partit ieħor. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li taqbel li l-paġna jkun jisima 'l-paġna tal-Kunsill' u ma jkunx hemm isem tal-Kunsillier li jkun kiteb. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li kull xahar Kunsillier jieħu l-inkarigu biex jipprepera l-artikolu meta jkun immissu. Il-Kunsillier P. Portelli jaqbel ma dan izda fakkar li kulħadd għandu jkun responsabbli biex ma jispiċċax jagħmlu l-Kumitat wahdu.

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat mis-seduta fis-18.58*

77.3.12 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li minkejja dan kollhu għandha r-riservi tagħha u ma taqbilx li l-Kunsill jippartecipa fi 'Sliema Times'. Il-Kunsillier D. Muscat qal li mhux se jieħu pozizzjoni għalissa.

77.3.13 Is-Sindku informa li hu ġie mitlub mit-Times li ssir intervista u din tiġi ppubblikata fl-ewwel pubblikazzjoni. Kien hemm qbil li din għandha ssir xorta waħda. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li taqbel mal-intervista għaliex għandha fiduċja fis-Sindku.

Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti (minbarra l-Kunsilliera M. Aquilina u D. Muscat) li l-ewwel tinħareġ din il-publikazzjoni bl-intervista tas-Sindku u wara li jkun hemm ċans għall-evalwazzjoni tal-ewwel harga, tittieħed deċizjoni mill-Kunsill jekk għandniex nibqghu nippartecipaw b'dan il-mod fi 'Sliema Times'.

77.3.14 Is-Sindku informa li ġie avviċinat minn *Hands On School of Film Makers* fejn dawn talbu biex juzaw ix-xelter li jinsab fi Triq Dingli biex isir dokumenteraju dwar ix-xelter. *Xelter – Triq Dingli*

*Il-Kunisllier M. Birguglio daħal lura fis-19.05*

Il-Viċi Sindku informa li hemm ħafna ilma f'dan ix-xelter, u qal li kellem li *St. John Ambulance* u l-Kunsill jista juza s-servizz tagħhom biex jitbattal ftit mill-ilma. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill m'għandu jieħu l-ebda risponsabbilta għal min jidħol fih u f'dak il-kaz issir *disclaimer* ma' din l-iskola meta jingħata *no objection*. Kien hemm qbil dwar dan.

77.3.15 Il-Kunsill ġie infurmat li d-dwal li hemm bzonn ġewwa x-xelter għal waqt il-*filming* se jitpoġġa mill-iskola stess. Eventwalment, wara l-Kunsill se jiltaqa magħhom sabiex jiddiskuti x'ideat jistgħu joħorġu mil-uzu ta' dan il-filmat. Il-Kunsillier D. Muscat saqsa jekk dan il-filmat jistghax ikun parti mill-attivita Tas-Sliema u Wirt u Niehsa u jintwera fis-serata. Il-Kunsill għandu jsaqsi għal dan. Kien hemm qbil li fil-ġurnata li se jsir il-f*ilming* ikun hemm prezenti membri minn *St John Ambulance* kif ukoll is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera P. Portelli, D. Muscat u J. Pillow.

77.3.16 Is-Sindku informa li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv iltaqgħu ma' *Mapfre Insurance* biex issir kampanja ta' *traffic safety* fil-lokalita. Is-Sindku informa li Transport Malta lesti li jgħinu wkoll. *Traffic safety campaign*

Fost affarijiet oħra din se tkun tinvolvi zebgħa tat-toroq, tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni.

77.3.17 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għad hemm *tenders* pendenti li kienu ħarġu dwar l-istudji ta' *bicycle routes u EU funding* ghall-istess progett. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li Transport Malta fasslet rotta hi stess li tibda minn San Giljan, u tkompli ghall-Balluta, Triq Manwel Dimech, Triq Blanche Huber, Triq il-Kbira, Triq Amery, Triq Santa Marija, Triq Sant'Agatha, Ix-Xatt, u Bisazza. Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa jekk il-Kunsill għandux jikkanċella t-tenders pendenti u juza l-fondi allokati mill-iskema sabiex jghamel eventwalment *feeder routes* ghal mar-rotot ta' Transport Malta. Kien hemm qbil li għandha tittieħed deċizjoni darb'oħra dwar dan. *Bicyle study*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat mis-seduta fis-19.20*

77.3.18 Is-Sindku fakkar dwar it-*twinning* li għadu kif sar ma' Bialystok u qal li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill irid jara x'jista jkun hemm bħala benefiċċji. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi ffurmat kumitat li jikkolabora ma' Bialystok. Kien hemm qbil li s-Sindku, Il-Kunsilliera D. Muscat u J. Pillow jiffurmaw dan il-Kumitat. *Twinning Bialystok*

77.3.19 Is-Sindku informa bil-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn informa li fit-2 t'April, 2018 hemm il-ħsieb li jibda xogħol fix-Xatt fejn se jinbiddlu *mains* tal-ilma li jinsab fuq il-promenade n-naha tal-bahar. *Xogħlijiet fit-toroq ix-Xatt*

Is-Sindku qal li jkun tajjeb li l-Kunsill ikompli mal-proġett u jsir il-promenade kollhu b'pavimentar gdid. Il-Kunsill ġie infurmat li xogħol se jibqa sejjer sal-Gzira u meta kien kellem lis-Sindku tal-Gzira, dan kien lest li jingħaqad f'tahdidiet fuq progett aktar wiesha li jkopri il-promenade fuq iz-zewg lokalitajiet. Is-Sindku għandu jzomm kuntatt mat-*Tourism Zones Committee* sabiex jistaqsi jekk jistgħux jingħataw fondi għal dan il-proġett.

**77.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

*77.4.1* Il-Kunsillier M. Briguglio informa li l-Kunsill irċieva proposta biex ikun hemm *dog beach* oħra għaliex li hemm fejn il-Fortina mhiex aċċessibbli bizzejjed. Kien hemm zewġ postijiet li ġew issuġġeriti, Qui Si Sana kif ukoll Għar id-Dud (bejn il-Fortizza u Fond Għadir). Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministeru tal-*Animal Welfare* fejn *Proposta – dog beach*

nitolbu jekk jistghax isir *dog beach* f'wieħed minn dawn il-postijiet.

77.4.2 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-*Environmental Impact Assessment* tal-Highrise Hotel ta' Fort Cambridge fejn informa li l-Kunsill jista jgħaddi l-kummenti tiegħu sat-23 ta' Frar 2018.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata mis-seduta fis-19.42*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-*Environmental Planning Statement* wasal l-uffiċċju llum stess u min irrid jista jiġi jarah. Il-Kunsiller M. Briguglio ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-perit sabiex jiġu diskussi l-aspetti tekniċi ta' dal-propost zvilupp. Il-Vici Sindku propona li wara dan umbghad issir laqgħa għar-residenti bl-informazzjoni li fuqha ser inkunu qed nibbazzaw ir-raprezentazzjoni taghna fuq l-EPS. Kien hemm qbil li l-ewwel ssir laqgħa mal-perit u nimxu min hemm.

*Il-Kunsiliera L. Cassar Shaw daħlet lura fis-19.46*

77.4.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk il-funtani hux qegħdin jaħdmu għaliex ila tirraporta ħafna. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li issa qegħdin jaħdmu kollha. Saqsiet ukoll dwar il-bankini fejn qegħdin isiru u fakkret li ilha tirraporta zmien biex isir Trejqet Luzju u xi toroq oħra. Is-Sindku qal li kif diġa ġie infurmat kulħadd, bħalissa l-kuntrattur qiegħed jaħdem fi Triq Guze Howard u kif diġa ġie nnotat ix-xogħol se jieħu aktar jiem minn kif kien ippjanat għaliex instabet il-ħamrija. Is-Sindku informa li llum flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgħa mal-kuntrattur fejn dan ġie avzat li għandu diversi toroq oħra li jridu jsiru f'Tas-Sliema. Fir-rigward ta' Trejqet Luzju, is-Sindku qal li hemm proġett ta' kostruzzjoni li se jkun qiegħed isir minn kuntrattur privat u waħda mil-kundizzjonjiet li l-Kunsill għamillu kienet li jirranġa dan l-isqaq wara li jitlesta x-xogħol.

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal lura għas-seduta fis-19.53*

77.4.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet biex jitpoġġa *bin* fi Sqaq Luzju. Kien hemm qbil dwar dan. *Bin*

**77.5 RAPPORTI**

77.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**77.6 BANDLI GODDA GNIEN MARGARET MORTIMER**

77.6.1 Kien hemm qbil li minħabba li l-proġett tal-car park għandu jsir xogħol temporanju, fejn ssir struttura ta' bandli n-naħa ta' fuq tal-gnien u tinqala z-zurzieqa prezenti.

Kien hemm qbil li item 77.7 jiġi pospost.

**77.8 XOGĦLIJIET TRIQ GUZE HOWARD**

77.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat li meta beda x-xogħol fi Triq Guze Howard instab li kien hemm bzonn aktar finanzi minħabba li nstabet il-ħamrija u kellu jsir aktar xogħol ta' skavar u l-ispiza kienet ghaldaqstant kibret. Is-Segretarju Ezekuttiv kiteb lill-Planning Authority b'din is-sitwazzjoni fejn talab għall-aktar fondi u dawn se jiġu mogħtija lill-Kunsill.

Il-Kunsill ġie infurmat li nbiddlu l-*cables* tad-dawl u tal-GO. Inbiddlu ukoll il-*mains* tal-ilma u *connections* ghad-djar.

Ix-xogħol mistenni li jispiċċa lejn nofs Marzu 2018. Is-Sindku informa li malli tkun lesta Triq Guze Howard għandu jibda x-xogħol fi Triq il-Kbira jew triq ohra.

77.8.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li hemm bzonn li jsiru aktar toroq u f'kull parti oħra f'Tas-Sliema. Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li jsiru diversi tororq oħra f'Tas-Sliema.

*Il-laqgħa ġiet sospiza fit-20.01 u kompliet fit-20.48*

*Il-Vici Sindku u l-Kunsilliera L. Cassar Shaw telqu mis-seduta fit-20.48*

**77.7 APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS**

77.7.1 Il-Kunsill approva l-*performance bonus* sħiħ lis-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll tal-istaff kollu tal-Kunsill.

**77.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

77.9.1 Is-Sindku propona li wara li tkun saret Triq il-Kbira, (peress li l-Kunsill se jkun laħaq ir-residenti ta' parroċċa Stella Maris) il-Kunsill għandu jagħmel Triq Nicolo Isouard (l-parti ta' quddiem il-kazin ta' San Girgor) kif ukoll Triq San Trofimu biex b'hekk inkunu lqatna n-nies tal-paroċċa ta' Sacro Cuor ukoll. Il-Kunsillier J. Pillow ġibed l-attenzjoni li kemm jista jkun ma jinqalgħux toroq li tiġi affettwata l-purċissjoni tad-duluri f'uħud mill-paroċċi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-permess ghall-iskavar jiskadi fil-15 ta' Gunju, 2018. Kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn ix-xoghlijiet kollha jiddependu fuq kif jista jiġi fformolat il-Budget 2018. *Aktar toroq f'Tas-Sliema*

77.9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għaddej l-evalwazzjoni tat-tender tal-*accountancy services*. Fil-bord ser ikun hemm is-Segretarju Ezekuttiv bhala Head of Contracting Authority, is-Sindku, l-avukat tal-Kunsill u accountant mqabbad bhala espert fil-qasam. Is-Segrertarju ssugerixxa lis-Sur Mario Farrugia. Kien hemm qbil dwar dan,

77.9.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jkun hemm bzonn li jinħarġu tlett *tenders* oħra li għalihom se jkun hemm bzonn kumitat magħmul minn kunsilliera biex jiġu ppreparti l-*ispecifications* tat-tenders.

77.9.4 Kien hemm qbil li għat-*tende*r ta' *contracts manager*, il-Kunsilliera M. Aquilina, J. Pillow u P. Portelli se jkunu l-membri tal-bord. *Tender contracts manager*

77.9.5 Kien hemm qbil li *għat-tender* tal-iskart, Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Briguglio u J. Pillow se jkunu l-membri tal-bord. Il-Kunsill għandu jistaqsi wkoll lill-Kunsillier P. Radmilli biex ikun parti minn dan il-bord peress li mhux qiegħed prezenti f'din il-laqgħa u għandu r-risponsabilita tal-iskart. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan it-tender huwa wieħed kumpless u qiegħed jagħmel komunikazzjoni mad-Direttur tal-Gvern Lokali għall-aktar dettallji, specjalment dwar il-*policy* tal-Gvern ghall-gbir nazzjonali ta' skart organiku fis-sena 2018. *Tender skart*

77.9.6 Fir-rigward tat-*tender* tal-perit ser jigi mfassal tender tas-soltu u jigi *Tender - perit*

cirkolat ma' Kunsilliera interessati li jarawh.

77.9.7 Is-Sindku qal li hemm bzonn li ssir attivita bhala *team building* mal-Kunsilliera kif ukoll mal-istaff. Kien hemm qbil dwar dan. *Team building*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.10*

77.9.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni sabiex jiġġedded il-*vacation leave* tiegħu kif ukoll tal-istaff minn tas-sena 2017. Kien hemm approvazzjoni għal dan. *Staff leave*

*Il-Kunsillier D. Muscat ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.21*

**77.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

77.10.1 Il-Kunsillier J. Pillow ifferfa għal pagament numru 60 lil Big Friend Guggen Musik u qal li ġie infurmat li dawn kellhom jgħaddu minn Pjazza Sant'Anna izda ma kienux marru fil-Pjazza. Il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar dan.

77.10.2 Dwar pagament numru 96 pagabbli lil ELC ġie nnotat li l-post kien fejn il-Fortizza u mhux 'Torri Area' kif hemm fl-iskeda.

77.10.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsillier P. Portelli propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti tal-kontijiet ġew approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

77.10.4 Is-Sindku qal li ġie mfakkar minn *Sliema Day Centre* biex isiru xi *talks* jew attivitajiet oħra sabiex ic-Centru ikun aktar attiv. Is-Sindku qal ukoll li talbu li tinxtara *juicer.* Kien hemm qbil dwar dan. *Sliema Day Centre*

**77.11 MOZZJONIJIET**

77.11.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**77.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

77.12.1 Is-seduta intemmet fid-21.37 ta` filghaxija. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 21/02/2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |